**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Jannar 2020**

Numru 7

**Rikors Nru. 54/2019**

**L-Avukat Dottor Alfred Grech**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-11 ta' April 20197 li jghid hekk:

Illi l-esponenti flimkien ma bosta ohrajn oggezzjona ghall-applikazzjoni ta' dan l-izvilupp izda b'decizjoni tat-22 ta' Jannar 2019 izda li giet ippubblikata fis-6 ta' Frar 2019 il-Planning Commission Development Permission within Development Scheme approvat l-permess relattiv bil-kundizzjonijiet hemm stipulati.

Illi dina d-decizjoni tal-Planning Commission hija nulla ghaliex tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal dak li jirrigwarda d-dritt fundamentali ta' smigh xieraq a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ghas-segwenti ragunijiet:
i. Il-Planning Commission Development Permission huwa korp statutorju li jiggudika kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt u li fid-determinazzjonijiet li jaghmel jaffettwa d-drittijiet privati, specjalment fejn jirrigwarda kwistjoni tad-dritt ta' godiment ta' proprjeta privata li jinkludu drittijiet kweziti li jkunu gew konferiti ta' permess ta' regime precedenti ta' ligijiet u regolamenti u ghalhekk irid isegwi r-rekwiziti fundamentali tad-dritt ta' smigh xieraq. Il-komposizzjoni ta' din il-kummissjoni ma tipprekludix il-possibilta li persuna li ghandha nteress personali milli jkun membru taghha. Ic-Chairperson Perit Simon Saliba u l-membri l-ohra tal-Planning Commission imsemmija huma persuni li jahdmu fil-privat jew huma konnessi ma ditti li ghandhom x'jaqsam mall-izvilupp u

ghalhekk ma jaghti ebda garanzija ta' indipendenza a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghaliex huma ghandhom interess personali li jinterpretaw il-policies u rregolamenti vigenti favur l-izvilupp milli bil-kontra. Similment huma persuni vulnerabbli u suxxetfibbli ghal pressjoni estranea li certament tikkontamina lprocess tas-smigh xieraq kif ukoll:
a. Li ghandhom pregudizzju biex jinterpretaw r-regolamenti u policies kurrenti favur zvilupp bla razan milli jzommu bilanc bejn dak li huwa mehtieg bejn zvilupp u konservazzjoni f'socjeta demokratika.
b. Li ghandhom nteress li johorgu permessi bla razan favur zviluppaturi bhal ma huma Mark Aguis u Joseph Portelli ghaliex huwa persuni li ndirettament sejrin igawdu minn din is-sitwazzjoni ta' zvilupp bla razan.

ii. Illi skont l-Artikolu 65 tal-Kap. 552 tal-Ligijiet il-membri ta' dik il-kummissjoni ma jgawdux is-'security of tenure' li huwa element fundamentali ghal korp illi jiggudika drittijiet tac-cittadin u li jrid jiggarantixxi l-imparzjalita tas-smigh xieraq meta jigu appuntati ghal erba' (4) snin u eligibbli ghar-riappuntament ghall-perjodu iehor ta' erba' (4) snin. Il-membri ta' din il-kummissjoni huma obbligati li jagixxu f'materja ta' zvilupp sostenibbli li skond il-Kap. 521 tal-Ligijiet ta' Malta (Sustaniable Development Act) l-ufficcju tal-Prim Ministru huwa l-awtorita kompetenti. Ma jista' jkun hemm ebda imparzjalita jekk il-persuni appuntati fuq din il-kummissjoni huma appuntati mill-istess persuna li tiddedta l-politika u l-policy li ghandha tigi segwita f'materja ta' hrug ta' permessi tal-bini.

iii. Il-membru tal-Planning Development Commission ma tawx kaz u ma hadux in konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet li ghamel l-esponenti u dawk li ghamlu r-rapprezentazzjonijiet quddiemhom. Kul ma ghamlu kien li qaghdu fuq ir-rapport tal-case officer li pprezenta r-rapport erbgha u ghoxrin siegha wara li ghalaq it-termini ghas-sottomissjonijiet. Dan huwa ezempju iehor ta' predisposizzjoni favur l-applikant u pregudizzju (bias) fid-decizjonijiet li ttiehdu. Konsegwentement decizjoni tal-Planning Commission Development Permission li tistrieh fuq dan ir-rapport hija 'biased' u predisposta. Ma hemm xejn fir-rapport tal-case officer li jispjega ghaliex u kif ir-rapprezentazzjonijiet varji li ntbaghtu lill-Awtorita tal-Ippjanar gew irrifjutati ghall-ebda raguni valida. Ir-rapport jirrispekkja 'template' gia maghmula li kienet lesta biex figi ppubblikata jghidu x'jghidu dawk li rrapprezentaw. Wahda mir-rekwiziti tad-dritt ta' smigh xieraq huwa li min jiggudika jew jaghmel determinazzjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-privat jrid jaghti raguni. Fl-ebda mument la l-'case officer' u lanqas l-kummissjoni fuq imsemmija ma semmew xejn l-argumenti mqajjma mill-esponenti fir-rapprezentazzjonijiet tieghu u ghalfejn gew rifjutati. Huwa ovvju li l-Planning Commission Development Permission kienet diga ffurmat decizjoni minn qabel ma saru r-rappresentazzjonijiet tal-esponenti u ohrajn li mhumiex parti f'dil-kawza.

iv. Jibqa' l-fatt ukoll huma x'inhuma l-policies tal-Awtorita konvenuta din irid ikollha rispett li fl-izvilupp li tawtorizza, it-thassir u tharbit ta' ambjent li jasal biex jiddegrada l-ambjent seren u trankwill tar-residenti tal-inhawi fejn qed isir il-propost zvilupp. Altrimenti jkun hemm ksur tal-legislazzjoni sussidjarja 552.09 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Artikolu 1030 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni tad-Dritfijiet tal-Bniedem Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i. Tiddikjara d-decizjoni tal-Kummissjoni Dwar I-Izvilupp (within development scheme) tat-22 ta' Jannar 2019 (Riferenza PA/10050/18) hija lesiva ghad-Drittijiet Fundamentali tal-esponenti in kwantu hija in kontrovenzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u I-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, I-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6, I-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll anness mal-Konvenzjoni Ewropea u I-Protokoll 12 anness mal-istess konvenzjoni.

ii. Konsegwentement tipprovdi rimedju.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jallega illi d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar hija nulla ghaliex alegatament tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u r-rikorrenti ghalhekk talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara illi "d-decizjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Izvilupp (within development scheme) tat-22 ta' Jannar 2019 (Riferenza PA/10050/18) hija lesiva ghad-Drittijiet Fundamentali tal-esponenti in kwantu hija in kontravenzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll anness mal-Konvenzjoni Ewropea u l-Protokol 12 anness mal-istess konvenzjoni".

Illi l-esponenti qieghed jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante li huwa qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu konsistenti f'appell quddiem it-Tribunal kompetenti u anke appell quddiem il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri). Illi in fatti, l-istess rikorrenti intavola l-appell tieghu quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Amjent u l-Ippjanar (appell numru 66/19) liema appell ghadu pendenti quddiem l-istess Tribunal. Illi l-esponenti ghalhekk jirreferi ghall-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u jecepixxi li dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha taht il-Kap. 319 stante nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji disponibbli skont il-ligijiet li jirregolaw l-ippjanar;

2. Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' applikabbilita tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li ma hemm l-ebda determinazzjoni ta' akkuza kriminali jew ta' dritt jew obbligu civili u li l-Kummissjoni tal-Ippjanar ma tikkwalifikax bhala awtorita gudikanti jew gudizjarja jew Tribunal jew qorti ai termini tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni izda l-funzjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar hija limitata sabiex titratta applikazzjonijiet ghall-hrug o meno ta' permessi ta' zvilupp;

3. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxi li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u ma ghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju

biex minnu jekk issib Xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara Adrian Busietta vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u Dimech v. Malta deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015). In vista ta dan it-taghlim, l-esponenti jirrileva li t-talba fir-rikors promotur hija wahda intempestiva u prematura tenut kont li l-appell tar-rikorrenti quddiem it-Tribunal ghadu mhux konkluz u ghalhekk ghandha tigi dikjarata bhala intempestiva minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mid-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jibda billi jissottometti illi r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu sehh Xi zball f'xi decizjoni. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi certament li mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f’qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f’kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et deciza fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgha limitata biex tiqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skond il-ligi' (ara Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn decizjonijiet.

Illi l-funzjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar hija cirkoskritta sabiex titratta applikazzjonijiet ghall-zvilupp izda ma tikkwalifikax bhala awtorita gudizzjarja li tiddetermina xi dritt jew obbligu civili jew xi akkuza kriminali bil-konsegwenza li d-dritt ghas-smigh xieraq ma jiskattax. Illi anke kieku dan id-dritt japplika, l-esponenti jissottometti li l-fatt li l-membri tal-Kummissjoni huma persuni ta' esperjenza fi hwejjeg relatati ma' zvilupp u li ghalhekk setgha kellhom konoxxenza ta' individwi fis-settur b'daqshekk ma jfissirx li tali membri ma humiex indipendenti u imparzjali fit-twettiq ta' xogholhom bhala membri fuq il-Kummissjoni. Illi l-Artikolu 65 tal-Kap. 552 stess jahseb li f’kaz li wiehed mill-membri jhoss li ghandu jigi sostitwit ghal raguni valida (liema raguni tinkludi kunflitt ta' interess) id-deliberazzjonijiet fuq l-applikazzjoni ghall-izvilupp issir minn membru sostitut tal-membru permanenti.

Illi ghal dak li jirrigwarda s-security of tenure tal-membri, l-esponenti jissottometti illi l-membri jinhatru ghal zmien erba' snin liema membri jistghu jigu riappuntati, u dan a

tenur tal-Artikolu 65(3) tal-Kap. 552 b'daqshekk ma jfissirx li hemm xi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq dan tenut kont li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda applikazzjoni li qieghdha ssir minn persuna private u mhux zvilupp li qieghed jipproponi l-Gvern. Illi fil-kaz Kenneth Brincat vs Avukat Generali et gie kkunsidrat illi: "Illi kif gia inghad, hu minnu li idejalment gudikatur ghandu jinhatar b'mod permanenti u full-time "ad vitam aut culpam". Izda huwa rikonoxxut, u dan anke fil-ligi taghna stess, li hemm il-limitu tal-eta sakemm Imhallef u Magistrat jista' jibqa' jippresjedi u tali limiti mhumiex meqjusa li jeffettwaw l-indipendenza. Illi kif intqal f' "Zand vs Austria" (1978):- "The irremoveability of judges during their term of office, whether it be for a limited period of time or for life time, is a necessary corollary of their independence". Illi anki l-Imhallfin fil-Qorti Ewropeja jinhatru ghall-perjodu fiss bejn 3 u 9 snin. Illi b 'hekk f' "Paul Clancy vs Robin Dempsey Caird" (4/4/2000 Lord Sutherland - Court of Session, Scotland) l-Imhallef qal:- "Accordingly, it appears to me clear that there can be no objection per se to the appointment of judges for a fixed term, provided that during that period there is security of tenure which guarantees against interference by the Executive in a discretionary or arbitrary manner”.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma tatx kaz dak li ssottometta r-rikorrenti u li l-Kummissjoni strahet fuq rapport u li skont ir-rikorrenti l-Kummissjoni kienet diga ddecidiet l-applikazzjoni ghall-izvilupp qabel ma saru r-rapprezentazzjonijiet tieghu, l-esponenti jissottometti li l-fatt li l-permess ghall-izvilupp inhareg ma jfissirx li dak li ntqal mir-rikorrenti ma kienx ikkunsidrat mill-Kummissjoni izda jfisser biss li l-Kummissjoni ma qablitx mieghu.

5. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dritt ghall-protezzjoni mid-diskriminazzjoni protett permezz tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li min imkien ma huwa ndikat fuq liema kawzali jew stat ir-rikorrenti qed jallega li qieghed jigi diskriminat. Illi ghalhekk anke jekk fuq din ir-raguni biss l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jigi kkunsidrat. Ma jistax ikollok pretensjoni ta' diskriminazzjoni in vacuo minghajr ma tkun indikata l-allegata bazi ghad-diskriminazzjoni.

Illi l-esponenti jissottometti illi huwa necessarju illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qieghed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oggettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bazi ta' 'like with like'. Di piu, l-esponenti jissottometti illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja illi mhux kull "distinzjoni" necessarjament tammonta ghal "diskriminazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Illi l-fatt li permess ghall-izvilupp inhareg u dan skont il-ligijiet tal-izvilupp vigenti, ma' liema zvilupp forsi r-rikorrenti ma jaqbilx, bl-ebda mod ma jfisser li huwa b'xi mod gie diskriminat.

6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li kull fejn pubblika tohrog permessi ta' zvilupp lil terzi b'daqshekk ma jissarrafx f’indhil fit-tgawdija tal-propjeta. Illi kull area ta' Malta hija suggetta ghal ligijiet li jirregolaw l-izvilupp u l-ghoti ta' permessi jew restrizzjonijiet maghmula fl-interess tal-ippjanar u tal-izvilupp bl-ebda mod ma jikkostitwixxu interferenzi fit-tgawdija tal-proprjeta jew li jpoggu fuq is-sidien ta' xi proprjeta xi piz spoporzjonat.

Illi wiehed jista' jitkellem biss dwar deprivazzjoni ta' tgawdija tal-proprjeta f'kaz illi wiehed jigi zvestit minn kull dritt fuq l-istess proprjeta. F 'dan ir-rigward issir riferenza ghall-awturi Harris u O'Boyle fejn osservaw illi "In principle, there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect Fil-kaz odjern, certament li jistax jinghad illi d-dritt tal-proprjeta tar-rikorrenti ser jispicca u ghalhekk it-tezi tar-rikorrenti li d-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta jinstab vjolat ma tregix.

L-esponenti jissottometti li l-ghoti tal-permessi ghall-izvilupp hija interferenza li hija skont il-ligi, issir ghal ghan legittimu u bl-ebda mod ma tirreka xi piz eccessiv jew sproporzjonat fuq ir-rikorrenti.

7. Illi in kwantu r-rikorrenti qieghed jinvoka t-Tnax il-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li r-rikorrenti ma jorbot l-allegazzjoni tieghu mal-ebda kawzali li jahseb ghaliha dan l-artikolu. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti ma sofra l-ebda diskriminazzjoni mill-awtoritajiet pubblici.

8. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

10. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni preliminari- rimedji ordinarji**

Illi l-intimat eccepixxa preliminarjament illi r-rikorrent qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante li huwa qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu konsistenti f'appell quddiem it-Tribunal kompetenti u anke appell quddiem il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri). Illi r-rikorrent fil-fatt intavola appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Amjent u l-Ippjanar (appell numru 66/19) liema appell ghadu pendenti quddiem l-istess Tribunal. Illi ghalhekk l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha taht il-Kap. 319 stante nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji disponibbli skont il-ligijiet tal-ippjanar

Illi bhala fatti relevanti illi johorgu minn din il-kawza jirrizulta s-segwenti.

Oliver Magro, Senior Officer fl-ufficju legali tal-Awtorita tal-Ippjanar, ezebixxa Dok. OM1 li huwa kopja tal-inkartament li jirrigwarda l-Appell 66/19 fuq il-permess Numru 10050/18. Minn dan id-dokumenti jirrizulta:

Fil-22 ta' Jannar 2019 inghatat decizjoni mill-Kummissjoni tal-Ippjanar dwar l-izvilupp PA/10050/18.

Fil-25 ta' Frar 2019 ir-rikorrent ipprezenta appell minn dina d-decizjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (ara fol. 62) fejn ressaq diversi aggravji.

Illi kontestwalment mal-appell tieghu, r-rikorrent ipprezenta talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-Permess PA 10050/18 ai termini tal-Artikolu 33 tal-Att Dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-2016 (ara fol. 60).

Illi permezz ta' degriet tal-25 ta' Frar 2019 (ara fol. 56) it-Tribunal innota li r-rikors tal-tar-rikorrent tal-25 ta' Frar 2019 ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-permezz kien prematur peress illi x-xogholijiet kienu ghadhom sospizi u dan ghaliex il-permess kien wiehed non-executable. It-Tribunal irriserva li jerga jikkunsidra t-talba fil-mument li l-permess tal-izvulupp jigi mibdul f'wiehed komplet u ezegwibbili.

Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Marzu 2019 ir-rikorrenti gie infurmat (ara ittri fol. 51 et seq.) li l-appell kien gie appuntat ghas-16 ta' April 2019.

B'rikors datat 9 ta' April 2019 (ara fol. 43) ir-rikorrent talab li t-Tribunal jissoprasjedi sakemm tigi deciza l-kawza kostituzzjonali li huwa sstitwixxa u li t-Tribunal jissopendi l-esekuzzjoni tal-permess fil-frattemp (ara rikors a fol. 48).

Dina t-talba giet michuda u l-Appell tkompla fil-mertu u ghadu pendenti quddiem it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-eccezzjoni preliminari tieghu l-intimat issottometta li la darba r-rikorrent qed jilmenta mid-decizjoni tal-Kummissjoni, huwa ghandu a disposizzjoni tieghu rimedju ordinarju konsistenti f'appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni. Dan it-Tribunal jista' jekk jidhirlu gust ihassar jew jimmodifika d-decizjoni tal-Kummissjoni, kif qed jitlob fl-appell tieghu u fil-kawza odjerna. Ghalhekk huwa ghandu rimedju effettiv, effikaci u accessibili. Inoltre r-rikorrent ghandu dritt t'appell fuq punt ta' ligi quddiem il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).

Ir-rikorrent issottometta li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-intimat, hafna mill-punti mqajma minnu fl-appell tieghu quddiem it-Tribunal (ara fol. 62 et seq.), jirrigwardaw ukoll kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali li jezorbitaw il-kompetenza tat-Tribunal, u jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna.

Il-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali dwar l-eccezzjoni.

L-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordinijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet ta' imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna;
> Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbili li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghal ksur allegat huwa jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.

Illi l-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali taghzel li ma twettaqx is-setghat taghha fuq il-bazi li l-parti rikorrenti ghandu rimedji ordinarji huma llum il-gurnata stabiliti mill-qrati taghna. Il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tat-30 ta' Gunju, 2005, fil-kawza **Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**, li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006.

Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, sakemm tibqa' l-possibilita li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi retifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha (**Zahra vs Awtorita ta' l-Ippjanar**, Kost 31/05/1999).

Illi ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanjanzi tieghu (**Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati**, deciz 18/05/2006).

Gie deciz ukoll li meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor

tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali (**Maria Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija**, PA Kost 29/03/1993); (**David Axiaq vs Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku**, Kost 15/04/2004).

Minkejja dana l-Qorti xorta wahda jibqaghlha id-diskrezzjoni li taghzel li tibqa’ tisma’ l-kawza.

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qed jallega illi d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar hija nulla ghaliex tivvjola d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ghalhekk talab li l-Qorti tiddikjara illi "d-decizjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Izvilupp (within development scheme) tat-22 ta' Jannar 2019 (Referenza PA10050/18) hija lesiva ghad-Drittijiet Fundamentali tieghu in kwantu hija in kontravenzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6, l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll anness mal-Konvenzjoni Ewropea u l-Protokol 12 anness mal-istess konvenzjoni .

Ir-rimedji li r-rikorrent talab quddiem it-Tribunal mhumiex ghal kollox l-istess bhala dawk quddiem dina l-Qorti. Hemm aggravji mressqa fl-appell u anke fil-kawza odjerna pero li huma ta’ natura kostituzzjonali u konvenzjonali li jmorru oltre il-kompetenza tat-Tribunal u li ghalhekk skont ir-rikorrent ma jaghtix rimedju “shih u intier” ghall-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu.

Ir-rikorrent fil-kawza odjerna qed jilmenta li d-decizjoni tal-Planning Commission hija nulla ghaIiex tivvvjola d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal dak Ii jirrigwarda d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dana billi l-komposizzjoni tal-kummissjoni ma tipprekludix il-possibilta li persuna Ii ghandha nteress personali milli jkun membru taghha. Il-membri tal-Planning Commission huma persuni Ii jahdmu fil-privat jew ghandhom konnessjoni ma’ ditti Ii ghandhom x'jaqsmu mall-izvilupp u ghalhekk ma jaghtu ebda garanzija ta' indipendenza a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Inoltre l-membri tal-kummissjoni ma jgawdux minn 'security of tenure' billi huma appuntati ghal erba' (4) snin u eligibbli ghar-riappuntament ghall-perjodu iehor ta' erba' (4) snin.

Il-persuni appuntati fuq din il-kummissjoni huma appuntati mill-Prim Ministru li hu l-istess persuna li tiddetta l-politika u l-policy li ghandha tigi segwita f'materja ta' hrug ta' permessi tal-bini.

Finalment ir-rikorrent talab dikjarazzjoni li hemm diskriminazzjoni abbazi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6.

Fil-fehma tal-Qorti l-mertu ta` dak li qieghed jintalab biex jigi deciz f'din il-kawza imur oltre dak li jista jittratta u jiddeciedi t-Tribunal. Ir-rikorrent qed jikkontesta l-kostituzzjonalita` tal-komposizzjoni tal-Kummissjoni ghax isostni li qed jinkisru d-drittijiet fondamentali tieghu. Hu qed jitlob rimedji li certament mhumiex disponibbli ghalih quddiem il-Tribunal. Bir-rimedju tal-appell huwa mhux ser jinghata rimedju ghal-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali li hu qajjem.

Dan ma jfissirx li l-Qorti minn issa qieghda tqis l-ilmenti tar-rikorrent bhala misthoqqa imma jfisser biss li m'huwiex il-kaz li l-Qorti tieqaf milli tqis l-ilmenti tar-rikorrent fil-mertu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat u ssib li hija ghandha twettaq is-setghat taghha biex tisma' u taqta' din il-kawza; bl-ispejjez kontra l-intimat.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur